



Brussell, 3 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9020/24

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0132(COD)

CODEC 1124
ASILE 59
EURODAC 6
ENFOPOL 186
IXIM 114

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' data bijometrika għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolamenti (UE) .../... u (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE u għall-identifikazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terzi u persuni apolidi b'soġġorn illegali u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fl-4 ta' Mejju 2016, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 78(2), il-punt (e), l-Artikolu 79(2), il-punt (c), l-Artikolu 87(2), il-punt (a), u l-Artikolu 88(2), il-punt (a) TFUE, lill-Kunsill.
2. Fit-23 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat proposta emendata², ibbażata fuq l-Artikolu 78(2), il-punti (d), (e) u (g), l-Artikolu 79(2), il-punt (c), l-Artikolu 87(2), il-punt (c), u l-Artikolu 88(2), il-punt (a) TFUE, lill-Kunsill.
3. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoniġiet tiegħu fil-11 ta' Settembru 2016³ u fit-30 ta' Novembru 2020⁴.

¹ 8765/16.

² 11205/20 + ADD 1.

4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjonijiet tiegħu fid-19 ta' Ottubru 20165 u fil-25 ta' Frar 20216.
5. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjonijiet tiegħu fit-8 ta' Diċembru 20167 u fid-19 ta' Marzu 20218.
6. Fl-10 ta' April 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni⁹. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.
7. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill¹⁰ japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE- CONS 15/24, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Ungerija u l-Polonja jivvutaw kontra u r-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja jastjenu.
8. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.
9. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

Wara l-iffirmar mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ ĠU C 9, 12.1.2017, p. 3.

⁴ ĠU C 99, 23.3.2021, p.9-12

⁵ ĠU C 34, 2.2.2017, p. 144.

⁶ ĠU C 155, 30.4.2021, p. 64.

⁷ ĠU C 185, 9.6.2017, p. 91.

⁸ ĠU C 175, 7.5.2021, p. 32.

⁹ 8576/24.

¹⁰ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

¹¹ F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.